**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 63 / 2015

Data u hin

Il-Laqgha Nru 63/2015 tat-tieni Amministrazzjoni
saret nhar il-Gimgha, 21 t' Awwissu 2015 fis-6pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Attard | V/President, , Sindku Zejtun |
| Is-Sur Farrugia | Kunsillier Valletta |
| Is-Sur C Pulis | V/Sindku Isla |
| Is-Sra Alison Zerafa | Sindku Bormla |
| Is-Sra Davinia Hili | Sindku Furjana |
| Is-Sur Lawrence Cutajar | V/Sindku Marsaskala |
| Is-Sur Horace Gauci | Sindku Marsalokk |
| Is-Sur Dominic Grima | Sindku Paola |
| Is-Sur Christopher Bruno | V/Sindku Kalkara |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

**Assenti :**

Sindku Birgu
Sindku Zabbar
Sindku Fgura
Sindku Marsa
Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

1. **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.60 mizmuma fl-28 ta' Mejju 2015 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

ii Il- Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

i. **Nuqqas ta Qurom waqt il-laqghat**

Nuqqas ta' quorum waqt il-laqghat

Il-President fakkar li iz-zewgt laqghat imsejjha f'Gunju u Lulju ma setghux jigi mizmuma minhabba nuqqas ta' quorum. Huwa kompla li dan ma kienx gust ghas-sindki jew kunsilliera li kienu dejjem jattendu; apparti li kienu qed jghaddu numru ta gimghat bejn laqgha u ohra. Ghalhekk huwa kien qed jipproponi li il-laqghat isiru xorta anke meta ma jkunx hemm quorum.

i.i Il-V/President u Sindku taz-Zejtun, Is-Sur Joe Attard, qal li fid-dawl tan-nuqqas ta' attendenza li kien qed ikun hawn, huwa kien jaqbel ma din il-proposta.

i.ii Il-Vici Sindku tal-Kalkara, Is-Sur Christopher Bruno qal li ir-Regjun kellu jinforma lid-dipartiment b'din id-decizjoni. Gie maqbul li ir-Regjun jikteb lid-direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

ii **L-operat tas-sistema tal-infurzar lokali taht is-sistema il-gdida**

l-operat tas-sistema tal-infurzar lokali taht is-sistema il-gdida

ii.i Il-President tkellem dwar il-laqgha li kellu mal-Onorevoli Ministru, Dr Owen Bonnici u l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo dwar it-tibdil li se jkun hemm fis-sistema prezenti.

ii.ii Huwa qal li meta mar ghal dan il-meeting fil-hin allokat lilu, sab lil-President tar-Regjun Centru, Is Sur Micheal Fenech Adami kien ghadu qed jistenna biex jigi msejjah ghal-laqgha mal-Ministru u Segretarju Parlamentari. Il-President qal li hu gie infurmat li il-Presidenti tar-Regjuni kollha kienu inghataw appuntament ghal-laqghat separati fl-istess gurnata. Wara li ghadda ftit izjed hin, il-Presient tac-Centru gie imsejjah biex jitla ghal-laqgha tieghu. Ftit wara nizel il-Ministru, l-Onorevoli Dr Bonnici u skuza ruhu li kien se jkollu jitlaq ghax kienu waqghu lura fl-appuntamenti u kellu meeting iehor x'jattendi. Is-Sur Farrugia kompla jghid li hu gie imsejjah f'nofs il-laqgha mal-President tac-Centru biex jissieheb mieghu u mal-Onorevoli Dr Buontempo ghal-kumplament tal-laqgha. Hu oggezzjona ghal-fatt li fil-waqt li il-Presidenti tar-Regjuni l-ohra gew imsejha ghal meeting b'mod individwali, hu kien imsejjah gha-meeting flimkien mal-President tac-Centru. L-Onorevoli Dr Buontempo wieghdu li hu kien se jerga jibghat ghalieh ghal one to one meeting. Dan il-meeting sal-lum kien ghadu ma sehx.

ii.iii Il-President qal li hu xtaq jiccara numru ta' affarijiet dwar l-operat tar-regjun taht is-sistema il-gdida u xtaq jigbed l-attenzjoni wkoll ghal numru ta' irrregolaritajiet fis-sistema. Hu kompla li prezentament izjed minn 60% tal-petizjonijiet kienu qed jigu milqugha anki f'istanzi fejn kien hemm provi cari li kien twettaq reat.

ii.iv l-Sindku tal-Furjana, is-Sra Davina Hili, kif wkoll is-Sindku ta' Paola, is-Sur Dominic Grima, ilmentaw li il-gwardjani ma kienux iharrku lis-sidien tal-hwienet u il-klijenti taghhom anke meta kien ikun car li dawn kienu qed jiksru il-ligi. Is-Sindku tal-Furjana, Is-Sra Davinia Hili, ilmentat li kien hemm wisq familjarita bejn il-gwardjani u is-sidien tal-hwienet u adirittura kienu iqattghu hin twil f'dawn il-hwienet; u li haddiema ta certu negozji ma kienux qed jigu imharrka meta jipparkjaw ghal-hin itwal minn dak preskritt bil-ligi.

ii.vi Is-Sindku taz-Zejtun, is-Sur Attard, qal li ma kien hemm l-ebda kontroll fuq il-Gwardjani fil-lokalita tieghu. Huwa kompla li filwaqt li l-infurzar hu lokali kien ittiehed il-kmand mil-lokal u inghata lir-regjuni u issa din ir-rubic cube kienet spiccat f'idejn l-awtorita il-gdida.

ii.vii Is-Sindku ta' Borma, is-Sra Alison Zerafa qalet li il-wardens ma kienux jidhru fil-lokalita taghha.

## iii Progetti bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja

Progetti bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja

iii.i Il-President ghamel riferenza ghas-sejha li kienet harget mill-AKL f'April dwar l-inizjattiva Shared Spaces in Urban Areas – Improving the Urban Environment - li kienet tnediet mill-Ufficju tal-Ombudsman. L-iskop tal-progett kien li isir studju biex tigi analizzata is-sitwazzjoni prezenti fil-qalba ta' l-irhula bl-iskop li jigu identifikati soluzjonijiet biex dawn jigu rigenerati u jigi minimizzat l-impatt negattiv tat-trafiku uq dawn l-areas.

iii.ii Il-President spjega li dan kien studju interessanti peress li kien se jkun qed janalizza wkoll is-sistema ta' parking fic-centru ta' l-irhula u kif dan jista jitqassam bejn in-negozji u ir-residenti.

iii.iii Huwa kompla li l-officcju tal-Ombudsman kien sejjah laqgha ghal-dawk il-kunsilli li kienu esprimew intess li jippartecipaw f'din il-laqgha. Dawn kienu il-Floriana, Hamrun, Fgura, Zejtun u Tarxien. Il-President qal hu kien attenda din il-laqgha fil-kariga tieghu ta' Vici Presient tal-AKL. Huwa kompla li meta ra li ma tantx kien hemm rispons mill-kunsilli, hu issuggerixxa li din issir fuq bazi regjonali u din il-proposta giet accettata. Huwa spjega li kien kiteb lill-Projects Advisor tar-Regjun, Dr Malcolm Borg, biex issir applikazzjoni taht ir-Regjun. Il-President kompla jispjega li fil-fondi il-godda tal-Unjoni Ewropeja ghall-perjodu 2014 -2020 l-accenn huwa li il-progetti jigi immexxija mir-Regjuni u ghalhekk hu ghaqli li l-applikazzjoni tintela mir-Regjun biex jikber ic-cans li l-applikazzjoni tigi milqugha. Hu qal li ha tkun qed tingabar l-informazzjoni kollha u tintbaghat lill-kunsilli biex min ikun interessat jinforma lir-Regjun.

iii.iv Is-Sindku taz-Zejtun, is-Sur Attard, spjega li dan il-progett ha jkun qed jindirizza problemi ta emmissjonijiet, is-sahha tar-residenti u traffiku f'toroq dojoq. Huwa qal li jaqbel li japplika ir-Regjun. L-iffinanzjar ta' dan il-progett se jkun ta' 85% mill-fondi ta l-EU u 15% co-funding.

## iv Haddiema taht l-iskema tal-IPSL

Haddiema taht l-iskema tal-IPSL

iv.i Il-President spjega li kienu qed jitkomplew id-diskussjonijiet dwar id-distribuzzjoni tal-haddiema taht din l-isekma b'mod li kull kunsill ma jkollux iktar minn zewgt haddiema assenjati mieghu full time. Il-kumplament se jkunu f'pools assenjati lir-regjuni. Huwa zied li kienet inharget sejha interna ghal-erba chargehands, pero applika wiehed biss. Huwa kompla li kienet ser tinghata elf euro allowance mas-salarju li tkopri l'ispezzjez tal-fuel. Kienu qed isiru diskussjoniet biex jigu identifikati inentivi li jistghu jinghataw biex ihajru izjed applikanti ghal-post ta' chargehand.

iv.ii Is-Sindku taz-Zejtun qal li din il-proposta hija bazwija u kien ikun ahjar kieku il-haddiema gew assenjati direttament lill-kunsilli per ezempju

zewgt haddiema ghal-kunsilli iz-zghar u 3 ghal-kunsilli il-kbar. Jekk imbaghad ikun hemm extra, halli imbaghad ikun hemm pool assenjat mar-regjuni. Hu kompla li irid ikun hemm minn tal-inqas 20 haddiem f'dan il-pool biex ikollok 10 teams. Il-President wiegeb li id-direzzjoni tas-Segretarju parlamentari hija li jkun hemm centralizzazzjoni ta' risorsi.

iv.iii Il-Vici Sindku tal-Belt saqsa jekk il-haddiema tal-ETC humiex se jiformaw parti minn dan il-pool. Il-President qal li it-tibdil tal-isem minn IPSL ghal Resources Support Services tfisser xi haga u jaf ikun li fil-pool se jizdiedu wkoll il-haddiema taht l-iskemi tal-ETC. Is-Sindku taz-Zejtun, is-Sur Attard, qal li dawn in-nies ma humiex imharrga u hafna minnhm ma ghandhom l-ebda sengha. Is-Sindku ta' Paola, Is-Sur Grima, qal li hi naqra antipatika meta jkunu l-istess nies ghax dawn jidraw u jibdew jabbuzaw. Zid li hu wkoll jinkwieta li dawn in-nies ma humiex tas-sengha.

3 **<u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>**

i Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

ii. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar il-Gimgha, 25 ta' Settembru, 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia**<br>**President** | **Joan Mangion**<br>**Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati illum ______________________________